MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 53/2000/1

**Martin u Victoria konjuġi Attard**
***v.***
**Joseph Mizzi u Rita Mizzi**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija fis-26 ta’ Marzu 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali li laqgħet talba tal-atturi magħmula taħt l-art. 449 tal-Kodiċi Ċivili biex jintemm jedd ta’ mogħdija meħtieġa li kien igawdi fond tal-konvenuti appellanti fuq proprjetà tal-atturi.
2. L-atturi fissru illi huma għandhom proprjetà fi Triq Ġnien Xibla, ix-Xagħra, Għawdex li hija soġġetta għal

servitù ta' mogħdija meħtieġa favur proprjetà tal-konvenuti fl-istess triq. Din il-mogħdija ma għadhiex meħtieġa wara li l-fond dominanti ġie mgħaqqad ma' proprjetà oħra li l-konvenuti kisbu fi Triq Għonqa, ix-Xagħra, u li għandha aċċess għat-triq pubblika.

3. L-atturi għalhekk talbu illi l-qorti, wara li tgħid illi l-mogħdija issa ma għadhiex aktar meħtieġa, tordna li l-mogħdija ma għandhiex tissokta, tordna lill-konvenuti jagħalqu l-apertura li minnha kienu jgħaddu għal din il-mogħdija, u tordna l-pubblikazzjoni ta' att pubbliku relativ għat-tmiem tal-mogħija. Talbu wkoll illi jiġi likwidat l-indennizz li għandu jintradd lill-konvenuti talli tintemm il-mogħdija.

4. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet: i. illi l-atturi jridu jagħmlu l-prova illi huma sidien tal-fond servjenti; ii. illi ma hux minnu illi l-jedd ta' mogħdija li jgawdi l-fond dominanti huwa biss servitù neċessarja; u iii. illi ma hux minnu illi l-fond dominanti għandu aċċess ieħor tajjeb u illi ma għadux meħtieġ aċċess minn fuq il-fond tal-atturi.

5. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iddeċidiet hekk:

"1. tiddikjara illi l-passaġġ sallum eżerċitat minn fuq il-mandra tal-atturi … m'għadux aktar neċessarju għaliex il-fond dominanti ngħaqad ma' fond ieħor li jmiss mat-triq pubblika;

"2. konsegwentement tordna li dan il-passaġġ m'għandux jissokta;

"3. billi ma rriżultax li qatt tħallas xi kumpens għall-użu ta' dan il-passaġġ, tiddikjara li m'għandu għalfejn jiġi likwidat ebda kumpens għal dan il-fini;

"4. tordna lill-konvenuti sabiex jaqtgħu dan il-passaġġ u jagħalqu b'mod permanenti l-bieb *ossia* apertura illi minnhom kienu jeżerċitaw dan l-istess passaġġ;

"5. tordna l-pubblikazzjoni tal-att opportun li għandu jsir min-Nutar Dottor Paul George Pisani … u tinnomina lill-avukat Dottor Joshua Grech għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, ħlief għal dawk tal-kuntratt li jrid isir, li għandhom ikunu a karigu tal-atturi stess, billi

ser ikunu huma issa li ser igawdu minn din it-terminazzjoni."

6. L-ewwel qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet.

"Illi din hija kawża a tenur tal-artikolu 449 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula illi:

""Jekk il-mogħdija mogħtija kif ingħad hawn fuq ma tibqax meħtieġa, minħabba l-ftuħ ta' triq ġdida, jew it-tagħqid tal-fond ma' ieħor li jmiss mat-triq pubblika, is-sid tal-fond servjenti jista' jitlob it-tmiem ta' dak il-jedd ta' mogħdija billi jrodd l-indenizz li jkun ħa jew billi ma jissoktax jieħu l-ħlas ta' kull sena li jkun ġie miftiehem."

"Il-kwistjonijiet ewlenin li jridu jiġu determinati permezz ta' din il-kawża, *in vista* wkoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, huma:

"(i) jekk l-atturi humiex tassew is-sidien tal-fond servjenti;

"(ii) jekk id-dritt ta' passaġġ li qed igawdu l-konvenuti huwiex biss wieħed neeessarju, li għalih japplika dan l-artikolu tal-liġi; u

"(iii) jekk kienx hemm tassew taqgħid tal-fond dominanti ma' ieħor ta' l-istess sidien, li għandu aċċess għat-triq pubblika.

"Għalkemm il-konvenuti eċċepew fl-ewwel lok li l-atturi jridu jipprovaw il-proprjetà tagħhom tal-passaġġ in kwistjoni, jidher illi huma fil-prattika jirrikonoxxu li dan jappartjeni lill-atturi. Dan jirriżulta mill-*affidavit* tal-konvenut Joseph Mizzi stess meta jgħid inekwivokament illi "Ir-raba' tiegħi igawdi servitù ta' passaġġ minn fuq biċċa art proprjetà tal-attur".

"… … …

"Niġu issa għalhekk għat-tieni punt li jrid jiġi stabilit, u *cioè* jekk il-passaġġ in kwistjoni huwiex biss wieħed neċessarju stabilit mil-liġi, minħabba l-interkjużura tiegħu, jew inkella kienx ġie maħluq bis-saħħa ta' xi kuntratt. Il-konvenuti jsostnu fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom illi dan il-passaġġ kien ġie krejat bis-saħħa tal-kuntratt ta' diviżjoni [tal-1 ta' Ġunju 1983 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo]. Imma dan ma hu minnu xejn, għax kull ma ġie dikjarat f'dik il-parti tal-kuntratt kien illi l-porzjon assenjat lil Carmela Sultana *proprio et nomine* kien soġġett għall-passaġġ bir-riġel pri-eżistenti a favur ta' terzi, u b'dik id-

diviżjoni ma ġie krejat ebda passaġġ ġdid *per destinazione di pater familias,* minn fuq xi parti diviża għal fuq parti oħra, minħabba xi interkjużura ġdida maħluqa b'dak l-istess kuntratt. Il-passaġġ in kwistjoni huwa għalhekk proprju wieħed neċessarju, li skond l-artikolu 449 tal-Kap. 16 jista' jispiċċa kemm-il darba l-fond dominanti jakkwista aċċess dirett għat-triq pubblika.

"L-aħħar kwistjoni li trid tiġi stabilita, għalhekk, hija jekk hux tassew illi llum spiċċat din l-interkjużura tal-fond dominanti, u jekk il-konvenuti għandhomx aċċess dirett għalih mit-triq pubblika. Mhux kontestat illi l-konvenuti huma l-proprjetarji sew tad-dar … kif ukoll tal-għalqa retrostanti li għaliha jservi dan il-passaġġ … Li dawn iż-żewġ fondi llum jinsabu mniffda ma' xulxin jirriżulta kemm mill-pjanta redatta mill-perit tekniku, kif ukoll mill-aċċess li żammet il-qorti stess fuq il-fondi in kwistjoni.

"Il-konvenuti jsostnu madankollu illi, minkejjja li ż-żewġ fondi jinfdu ma' xulxin, xorta waħda m'hemmx aċċess adegwat għall-finijiet tal-użu li huma jagħmlu minn din l-għalqa, minħabba d-diżlivell qawwi li hemm bejn iż-żewġ fondi, u għalhekk l-artikolu 449 tal-Kap. 16 ma hux applikabbli għaċ-ċirkostanzi tagħhom. Jiċċitaw a favur tagħhom sew mid-dottrina tal-awturi taljani f'dan ir-rigward, kif ukoll mill-ġurisprudenza lokali. Imma kif tajjeb jissottomettu l-atturi fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, id-dottrina taljana – li ssostni illi "*L'acquisto di un fondo attiguo alla via pubblica non faccia cessare la servitù di transito, quando l'accesso che questo fondo può avere sulla via pubblica sia difficile o insufficiente ai bisogni agricoli o industriali del fondo intercluso*" – hija bbażata fuq dak li kien jiddisponi l-Kodiċi Ċivili taljan f'dan ir-rigward, fis-sens illi:

""*Il proprietario, il cui fondo è circondato da fondi altrui, e che non ha uscita sulla via pubblica nè può procurarsela senza eccessivo dispendio o disagio, ha diritto di ottenere il passaggio sui fondi vicini per la coltivazione ed il conveniente uso del proprio fondo*.

""*Questo passaggio deve stabilirsi in quella parte per cui il transito dal fondo circondato alla via pubblica sia più breve, e riesca di minor danno al fondo su cui viene concesso*."

"L-artikolu korrispondenti fil-liġi tagħna jistipola illi:

““447 (1) Is-sid li l-fond tiegħu m’għandux ħruġ fuq it-triq pubblika, jista’ jġiegħel lis-sidien tal-fondi ta’ ma’ ġembu li jagħtuh il-mogħdija meħtieġa, bi ħlas ta’ kumpens proporzjonat għall-ħsara li ġġib dik il-mogħdija.
““(2) Din il-mogħdija għandha ssir f’dik il-parti fejn tkun tal-anqas ħsara għall-persuna li fuq il-fond tagħha tiġi mogħtija.”
“Huwa evidenti illi għalkemm hemm similarità kbira bejn dawn iż-żewġ artikoli, fil-liġi tagħna tħalliet barra parti importanti, u *cioè* l-frażi sottolineata fl-artikolu taljan hawn ċitat. Dan jidher illi l-leġislatur tagħna, meta ġie biex jikteb dak li llum huwa l-artikolu 449 tal-Kap. 16, għamlu intenzjonalment, konxju mill-fatt illi l-art tagħna hija ferm limitata u ma tippermettix il-lussu li s-sid ta’ fond dominanti jkollu l-fakoltà li jopponi li jgħaddi minn aċċess alternattiv, sempliċement bl-iskuża illi dan jista’ jkun xi ftit jew wisq iżjed skabruż mill-aċċess gawdut fuq il-fond servjenti. Ma rridux ninsew illi dawn is-servitujiet predjali mogħtija mil-liġi huma restrizzjonijiet fuq it-tgawdija libera tal-proprjetà u għalhekk għandhom jiġu interpretati b’mod mill-iżjed restrittiv. Bir-rispett kollu din il-qorti għalhekk ma taqbel xejn mal-ġurisprudenza illi estendiet din il-fakoltà lil sid ta’ fond dominanti, minkejja li fil-liġi tagħna ma teżistix.
“Għaldaqstant, għalkemm fil-każ in eżami huwa minnu illi, sabiex jaċċedu għall-għalqa retrostanti d-dar tagħhom, il-konvenuti jridu jinżlu diversi turġien, u ċertament huwa ferm iżjed komdu għalihom li jidħlu mill-passaġġ in kwistjoni, dan ma jintitolahomx jibqgħu jagħmlu użu minn dan il-passaġġ fuq art ħaddieħor indefinittivament, ġaladarba ġie ppruvat illi għandhom aċċess alternattiv minn ġewwa ħwejjiġhom stess. Wara kollox l-aċċess mill-passaġġ in kwistjoni, kif ġie dikjarat fuq il-kuntratt hawn fuq ċitat tal-1983, huwa biss bir-riġel u għalhekk żgur li ma jista’ jsir ebda użu minn inġenji agrikoli kbar li ma jgħaddux minn dan il-passaġġ.
“Fl-aħħarnett irid jingħad illi, għalkemm l-artikolu 449 tal-Kap. 16 jipprovdi sabiex jintradd lura l-indennizz li sid il-fond servjenti jkun ħa tal-użu tal-mogħdija li tkun saret minn fuq ħwejjġu, jew li ma jissoktax jieħu l-ħlas ta’ kull sena li kien isir minn sid il-fond dominanti għal din il-mogħdija, fil-każ in eżami ma rriżultax illi qatt sar ebda ħlas f’dan ir-rigward.”

7. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b’rikors tal-14 t’April 2010 u l-atturi wieġbu għal dan l-appell fis-26 t’April 2010. L-aggravji tal-appell huma dawn: i. illi l-jedd li jgawdu l-konvenuti ma huwiex biss servitù neċessarja taħt l-art. 447 tal-Kodiċi Ċivili; ii. illi għandhom ukoll jedd ta’ mogħdija bl-inġenji; u iii. illi f’kull każ il-mogħdija għadha meħtieġa.

8. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti jgħidu illi s-servitù li jgawdi l-fond tagħhom ma tistax tintemm taħt l-art. 449 tal-Kodiċi Ċivili għax ma hijiex servitù neċessarja li nħolqot bis-saħħa tal-art. 447. Igħidu illi s-servitù nħolqot bis-saħħa tal-kuntratt ta’ diviżjoni tal-1 ta’ Ġunju 1983 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo li jgħid illi l-proprjetà servjenti li llum hija tal-atturi “għandha tkun soġġetta għall-passaġġ bir-riġel sakemm jintlaħaq il-bieb li jagħti għall-proprjetà ta' terzi”.

9. Naturalment, jekk is-servitù nħolqot b’kuntratt u mhux b’neċessità taħt l-art. 447 ma tistax tintemm taħt l-art. 449. Il-kwistjoni għalhekk hija jekk il-kuntratt tal-1 ta’ Ġunju 1983 ħoloqx is-servitù jew għarafx biss l-eżistenza tagħha.

10. Fil-fehma tal-qorti il-kuntratt tal-1 ta’ Ġunju 1983 ma ħoloqx is-servitù iżda biss għaraf l-eżistenza tagħha. Servitù tista’ tinħoloq b’kuntratt, iżda dak il-kuntratt irid ikun bejn is-sid tal-fond dominanti u s-sid tal-fond servjenti. Fuq il-kuntratt tal-1 ta’ Ġunju 1983 ma deherx is-sid tal-fond dominanti li, anzi, jingħad li huwa “proprjetà ta’ terzi”, u għalhekk is-servitù ma setgħetx inħolqot b’dak il-kuntratt. Fil-fatt dawn it-terzi kienu l-konvenuti stess, li kisbu l-proprjetà tagħhom qabel l-1983, u ma kinux parti fil-kuntratt ta’ diviżjoni.

11. Is-servitù ssemmiet fil-kuntratt sabiex tkun dikjarata l-eżistenza tagħha u hekk il-kondividenti l-oħra ma jkollhomx jagħmlu tajjeb taħt l-artt. 513 u 947 tal-Kodiċi Ċivili lil dak li lilu messet il-proprjetà.

12. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

13. Fit-tieni aggravju l-konvenuti jgħidu illi għandhom ukoll jedd ta’ mogħdija bl-inġenji. Tassew, kif sewwa igħidu l-atturi fit-tweġiba tagħhom għall-appell, dak li jgħidu l-konvenuti f’dan l-aggravju huwa inkompatibbli ma’ dak li qalu fl-ewwel wieħed: jekk igħidu illi s-servitù nħolqot bil-kuntratt tal-1 ta’ Ġunju 1983, li jgħid illi l-

proprjetà tal-atturi hija "soġġetta għall-passaġġ bir-riġel", ma jistgħux issa jgħidu illi għandhom jedd ta' mogħdija bl-inġenji wkoll.

14. Billi iżda, kif rajna, is-servitù ma nħolqotx bil-kuntratt, din il-kontradizzjoni ma hijiex fatali għall-argument tal-konvenuti.

15. L-argument tal-konvenuti f'dan l-aggravju ma huwiex illi, għax is-servitù hija ta' mogħdija bl-inġenji, mela ma tintemmx taħt l-art. 449, iżda illi biex il-mogħdija l-ġdida bit-tagħqid ta' proprjetajiet tal-konvenuti tkun biżżejjed biex tintemm il-mogħdija neċessarja – li għalhekk ma tibqax "neċessarja" – trid tkun, bħalha, tajba wkoll għall-inġenji.

16. Dan l-aggravju għalhekk huwa marbut ma' ta' warajh: illi l-mogħdija fuq l-art tal-atturi għadha meħtieġa għax il-mogħdija alternativa fuq l-art tal-konvenuti stess ma hijiex aġevoli bl-inġenji ukoll jekk hija aġevoli bir-riġel.

17. Il-qorti għalhekk sejra tqis dan l-aggravju ma' dak ta' warajh, mhux biss għax huma marbuta ma' xulxin iżda wkoll għax il-meritu ta' din il-kawża ma huwiex biex tiġi determinata l-entità tas-servitù – u l-qorti tkun qieħgda tiddeċiedi *extra petita* jekk tgħid il-mogħdija hijiex biss bir-riġel jew ukoll bl-inġenji – iżda biss jekk il-mogħdija għadhiex meħtieġa.

18. Din il-qorti tibda biex tgħid illi, bħall-ewwel qorti, ma taqbilx mal-interpretazzjoni li tgħid illi s-servitù ta' mogħdija tibqa' meħtieġa jekk il-mogħdija alternativa ma tkunx konvenjenti jew teħtieġ nefqa[1]. Dik il-ġurisprudenza hija msejsa fuq dottrina taljana dwar l-art. 593 tal-Kodiċi Ċivili taljan tal-1865 li kien igħid hekk:

***"593.** Il proprietario, il cui fondo è circondato da fondi altrui, e che non ha uscita sulla via pubblica nè può procurarsela senza eccessivo dispendio o disagio, ha diritto di ottenere il passaggio sui fondi vicini per la coltivazione ed il conveniente uso del proprio fondo."*

19. Kif jidher iżda mill-*Fonti e Commenti* ta' Sir Adriano Dingli, il-leġislatur malti ma beniex l-artikolu relativ tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta fuq l-art. 593 tal-Kodiċi Ċivili taljan tal-1865 biss. Fil-kumment tiegħu dwar l-art. 143 tal-Ordinanza VII tal-1868 (illum l-art. 447 tal-Kodiċi Ċivili)

---

[1] Ara *e.g.* Pauline Xerri *et v.* Lawrence Vella *et*, App. 31 ta' Ottubru 2007.

Dingli jsemmi wkoll l-art. 233 tal-Kodiċi Ċivili tal-Canton Ticino[2], l-art. 616 tal-Kodiċi Ċivili ta' Sardegna[3], l-art. 535 tal-Kodiċi Ċivili ta' Parma[4] u l-art. 682 tal-Kodiċi Civili ta' Franza[5] ("*con qualche modificaz[ione]*"). Kellu quddiemu kemm il-mudell tal-Kodiċi taljan u kemm il-mudell tal-kodiċijiet l-oħra li ebda wieħed minnhom ma jirriproduċi l-kunċetti ta' "*senza eccessivo dispendio o disagio*" u ta' "*conveniente uso*", u għażel dan il-mudell tal-aħħar.

20. Li fadal li naraw mela huwa mhux jekk il-mogħdija fuq l-art tal-konvenuti stess hijiex konvenjenti jew skomda, iżda jekk hijiex possibbli. Fir-rikors tal-appell tagħhom il-konvenuti jgħidu hekk:

"… … … Il-konvenut Joseph Mizzi … jgħid li huwa impossibbli għalih li jaċċedi għar-raba' mid-dar tiegħu għall-fini ta' kultivazzjoni. Dan għaliex għalkemm ikun irid jaċċedi għar-raba' bl-inġenji, l-aċċess mid-dar bl-istess ingenji huwa impossibbli. Kif fil-fatt qal fl-*affidavit* tiegħu "il-passaġġ oġġett ta' din il-kawża huwa wiesa' madwar tliet piedi u pulzier. Nużah sabiex ngħaddi l-inġenji tar-raba' minn ġo fih, sabiex noħroġ il-prodotti minn ġo fih kif ukoll sabiex indaħħal id-demel u b'mod ġenerali għal dak kollu li jkolli bżonn in konnessjoni ma' din l-art". U kompla jgħid: "Il-fond u l-art tiegħi ma jinsabux fl-istess livell. Huma komunikati permezz ta' taraġ wieqaf u dejjaq. Huwa dan it-taraġ li l-attur qiegħed jippretendi li jservini bħala passaġġ alternattiv għal dak li ngawdi fuq ir-raba' tiegħu. It-taraġ fih sbatax-il tarġa u hu wiesa' madwar pied u għaxar pulzieri. Dan it-taraġ nista' nużah biss għal meta

---

2 **233.** Il possessore di un fondo che manca di ogni accesso, può obbligare il possessore del fondo vicino a permettergli il passaggio necessario, mediante una compensazione proporzionata al danno.

3 **616.** Il proprietario, i cui fondi sono circondati per ogni parte da fondi altrui, e che non ha veruna uscita sulla via pubblica, può addomandare un passaggio sui fondi de' suoi vicini per la coltivazione del suo fondo, mediante un' indennizzazione proporzionata al danno, che tale passaggio può cagionare

4 **535.** Quegli però, i cui fondi sono circondati per ogni parte, e che non ha veruna uscita sulla via pubblica, può addimandare un passaggio su' fondi de' suoi vicini, assumendo il carico di una compensazione proporzionata al danno che tale passaggio cagiona.

5 **682.** Le propriétaire dont les fonds sont enclavés, et qui n'a àucune issue sur la voie publique, peut réclamer un passage sur les fonds de ses voisins pour l'exploitation de son héritage, à la charge d'une indemnité proportionnée au dommage qu'il peut occasionner.

jkolli bżonn li niġbor xi prodotti mill-għalqa għall-użu tal-familja tiegħi. Huwa dejjaq wisq sabiex inkun nista' naħdem ir-raba' permezz tiegħu. Saħansitra, lanqas kaxxa tal-frott ma tgħaddi mill-wisgħa tiegħu. Huwa għalhekk li s-servitù ta' passaġġ li ngawdi minn fuq l-art tal-attur għadha neċessarja għalija, u bl-ebda mod ma tista' tiġi sostitwita bl-użu ta' dan it-taraġ".

"In kontro-eżami, il-konvenut kompla jiddeskrivi dawn it-turġien eżistenti li hemm bejn il-fond tiegħu u r-raba' in kwistjoni:

""Hemm sbatax-il (17) tarġa, hemm wieħed minn ġol-garaxx, imbagħad hemm ħofra fiha pied u nofs (1½'), imbagħad xi żewġ tarġiet, imbagħad titla' passaġġ żgħir, imbagħad taqbad taraġ ieħor għal ġol-ġnien … … … L-ewwel hemm sbatax-il tarġa u minn ġol-garaxx hemm għaxra. U inti tgħaddi minn mal-ħajt hekk tal-garaxx, imbagħad x'ħin tghaddi minn mal-ħajt hemm ħofra ta' żewġ piedi. X'ħin tinżel ġol-ħofra ta' żewġ piedi, min itellagħhulek il-moħriet?"

21. Kif jidher mir-ritratti esebiti quddiem l-ewwel qorti[6] – u kif ċertament rat l-ewwel qorti meta, wara li marret fuq il-post, fis-sentenza appellata qalet illi l-mogħdija fuq l-art tal-konvenuti stess tagħti aċċess alternativ għalkemm anqas komdu – it-taraġ ma huwiex wieqaf daqskemm qegħdin ipinġuh il-konvenuti.

22. Fil-fatt, aktar 'l isfel fir-rikors tal-appell tagħhom il-konvenuti jistqarru illi "fl-eventwalità li dan il-passaġġ allegatament alternattiv kellu jiġi użat mill-konvenuti filwaqt li dawn ikomplu jaħdmu r-raba', l-istess passaġġ alternattiv jirrikjedi li jsiru fuqu xogħlijiet dispendjużi sabiex ikun jista' jiġi prattikat aċċess minnu". Fi kliem ieħor, l-aċċess alternattiv huwa possibbli, u mhux impossibbli kif jippretendu l-konvenuti, iżda jeħtieġ "li jsiru fuqu xogħlijiet dispendjużi". Dan il-fatt iżda, kif rajna, ma huwiex ta' ostakolu għall-applikazzjoni tal-art. 449.

23. L-għażla mela hija bejn li l-konvenuti jkomplu jinqdew bl-art ta' ħaddieħor, u hekk jimponu piż fuq ħaddieħor, jew igħaddu fuq l-art tagħhom stess u dak il-piż jerfgħuh huma. It-tweġiba fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 449 hija illi l-konvenuti għandhom igħaddu minn fuq l-art

6 *Foll.* 99 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

tagħhom stess ladarba din twassal mill-fond sa issa servjenti u t-triq pubblika, ukoll jekk din il-mogħdija ġdida hija anqas komda u teħtieġ ukoll xi nefqa, u s-servitù minn fuq l-art tal-atturi għandha tintemm.

24. Dan l-aggravju wkoll, għalhekk, huwa miċħud.

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-kuntratt għandu jiġi pubblikat nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2014 fl-10.00 *a.m*.

26. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------